VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,945, 24 ta' Lulju, 2012

Taqsima B

A.L. 238 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2012 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008, ippubblikati bħala Avviż Legali 120 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) jiksbu mhux inqas min-numru ta' kredti ta' livell mhux inqas minn dak indikat hawn taħt, inklużi l-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji u elettivi kif spjegat fil-Programm/i ta' Studju u/jew l-ordinamenti rilevanti għall-Kors li fuqu huma rregistrati l-istudenti:

Rikonoxximent Universitarju ta' wara l-Ewwel Grad	Rekwiżiti
Ċertifikat ta' wara l-Ewwel Grad	30 kredti, li minnhom mhux anqas minn 25 kredtu ta' Livell 5.
Diploma ta' wara l-Ewwel Grad	60 kredti, li minnhom mhux anqas minn 50 kredtu ta' Livell 5.
Grad ta' Master	90 jew 120 kredti, li fosthom ikun hemm mhux anqas minn 80 kredtu ta' Livell 5 u teżi ta' mhux anqas minn 30 kredtu."